Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT (UE) Nru 978/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ottubru 2012

li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

(ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 154/2013 tat-18 ta' Diċembru 2012	L 48	1	21.2.2013
►M2	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1421/2013 tat-30 ta' Ottubru 2013	L 355	1	31.12.2013
►M3	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1/2014 tat-28 ta' Awwissu 2013	L 1	1	4.1.2014
►M4	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 182/2014 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 57	1	27.2.2014
►M5	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2014 tat-22 ta' Lulju 2014	L 283	20	27.9.2014
►M6	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2014 tat-22 ta' Lulju 2014	L 283	23	27.9.2014
►M7	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1386/2014 tad-19 ta' Awwissu 2014	L 369	33	24.12.2014
►M8	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/602 tad-9 ta' Frar 2015	L 100	8	17.4.2015
►M9	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1978 tat-28 ta' Awwissu 2015	L 289	1	5.11.2015
►M10	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1979 tat-28 ta' Awwissu 2015	L 289	3	5.11.2015
►M11	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/79 tal-25 ta' Novembru 2015	L 17	1	26.1.2016
►M12	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/217 tal-5 ta' Diċembru 2016	L 34	7	9.2.2017
►M13	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/836 tal-11 ta' Jannar 2017	L 125	1	18.5.2017

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 272, 16.10.2015, p. 14 (978/2012)

▼B

REGOLAMENT (UE) Nru 978/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ottubru 2012

li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. L-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (l-"iskema") għandha tapplika skont dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-preferenzi tariffarji li ġejjin taħt l-iskema:

(a) arranġament ġenerali;

(b) arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (GSP+); u

(c) arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (arranġament Kollox Minbarra Armi (KMA)).

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "SĠP" tfisser l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi li biha l-Unjoni tagħti aċċess preferenzjali għas-suq tagħha permezz ta' kwlunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) "pajjiżi" tfisser pajjiżi u territorji li jkollhom amministrazzjoni taddwana;

(c) "pajjiż eliġibbli" tfisser il-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw kif elenkati fil-lista fl-Anness I;

(d) "pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP" tfisser pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali kif elenkati fl-Anness II;

(e) "Pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+" tfisser pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba kif elenkati fl-Anness III;

(f) "Pajjiżi benefiċjarji ta' KħA" tfisser pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali ta' inċentivi għal pajjiżi l-anqas żviluppati kif elenkati fl-Anness IV;

(g) "dazji tat-Tariffa Doganali Komuni" tfisser id-dazji speċifikati fi It-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), ħlief dawk id-dazji stabbiliti bħala parti minn kwoti ta' tariffi;

(h) "taqsima" tfisser kull waħda mis-taqsimajiet tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbiliti mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

▼B

(i) “kapitolu” tfisser kull wieħed mill-Kapitoli tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbiliti mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

(j) “taqsima tas-SĠP” tfisser taqsima elenkata fl-Anness V u stabbilita abbażi ta’ taqsimajiet u l-kapitoli tat-Tariffa Doganali Komuni;

(k) “arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq” tfisser aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni permezz ta’ ftehim kummerċjali, jew applikat provviżorjament jew fis-seħħ, jew permezz ta’ preferenzi awtonomi mogħtijin mill-Unjoni;

(l) “implimentazzjoni effettiva” tfisser l-implimentazzjoni integrali tal-impenji u l-obbligi kollha meħuda skont il-konvenzjonijiet internazzjonali elenkati fl-Anness VIII, biex b’hekk jiġi assigurat li l-prinċipji, l-objettivi u d-drittijiet garantiti hemmhekk kollha jkunu mħarsa.

Artikolu 3

1. Lista ta’ pajjiż eliġibbli hija stabbilita fl-Anness I.

2. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness I biex iqis tibdiliet fl-istatus jew fil-klassifikazzjoni internazzjonali ta’ pajjiżi.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika pajjiż eliġibbli konċernat dwar kull bidla rilevanti fl-istatus tiegħu skont l-iskema.

KAPITOLU II

ARRANĠAMENT ĠENERALI

Artikolu 4

1. Pajjiż eliġibbli għandu jibbenefika mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) jekk:

(a) ma jkunx ġie kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż bi dħul għoli jew bi dħul medju superjuri matul tliet snin konsekuttivi minnufih qabel l-aġġornament tal-lista ta’ pajjiżi benefiċjarji; jew

(b) ma jibbenefikax minn arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq li jipprovdi l-istess preferenzi tariffarji bħall-iskema, jew aħjar, għall-kummerċ kollu b’mod sustanzjali.

2. Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 m’għandux japplika għall-pajjiżi l-anqas żviluppati.

3. Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-paragrafu 1, il-punt (a) tal-paragrafu 1 m’għandux japplika sal-21 ta’ Novembru 2014, għall-pajjiżi li sal-20 ta’ Novembru 2012 ikunu inizjalaw ftehim bilaterali ta’ aċċess preferenzjali għas-suq mal-Unjoni, li jipprovdi l-istess preferenzi tariffarji bħall-iskema, jew aħjar, sostanzjalment għall-kummerċ kollu, iżda li għadu mhuwiex applikat.

▼B

Artikolu 5

1. Lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tinsab fl-Anness II.

2. Sal-1 ta' Jannar ta' kull sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha terġa' teżamina l-Anness II. Biex pajjiż tas-SĠP u operaturi ekonomiċi jingħataw żmien għal adattament ordnat għall-bidla fl-istatus tal-pajjiż skont l-iskema:

(a) id-deċiżjoni li pajjiż benefiċjarju jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u abbażi tal-punt (a) tal-Artikolu 4(1), għandha tapplika minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dik id-deċiżjoni;

(b) id-deċiżjoni li pajjiż benefiċjarju jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u abbażi tal-punt (b) tal-Artikolu 4(1), għandha tapplika minn sentejn wara d-data ta' applikazzjoni għal arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness II abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP konċernat dwar kull bidla fl-istatus tiegħu skont l-iskema.

Artikolu 6

1. Il-prodotti inklużi fl-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) huma elenkati fl-Anness V.

2. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness V biex tinkorpora tibdiliet li jkunu saru meħtieġa b'emendi għan-Nomenklatura Magħquda.

Artikolu 7

1. Dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness V bħala prodotti mhux sensittivi għandhom ikunu sospiżi għalkollox, ħlief għal komponenti agrikoli.

2. Dazji ad valorem tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness V bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 3,5 punti perċentwali. Għal prodotti taħt it-Taqsimiet tas-SĠP S-11a u S-11b tal-Anness V, dan it-tnaqqis għandu jkun ta' 20 %.

3. Fejn rati ta' dazju preferenzjali kkalkulati, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, fuq id-dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jipprovdu għal tnaqqis ta' tariffi ta' aktar minn 3,5 punti perċentwali għall-prodotti msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw dawk ir-rati ta' dazju preferenzjali.

4. Dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni, barra minn dazji minimi jew massimi, fuq prodotti elenkati fl-Anness V bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 30 %.

▼B

5. Fejn dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness V bħala prodotti sensittivi jinkludu dazji *ad valorem* u dazji speċifiċi, id-dazji speċifiċi m'għandhomx jitnaqqsu.

6. Fejn dazji mnaqqsa skont il-paragrafi 2 u 4 jispeċifikaw dazju massimu, dak id-dazju massimu m'għandux jitnaqqas. Fejn dazji bħal dawk jispeċifikaw dazju minimu, dak id-dazju minimu m'għandux japplika.

Artikolu 8

1. Il-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 għandhom ikunu sospiżi fir-rigward ta' prodotti ta' taqsima tas-SĠP li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju tas-SĠP, meta l-valur medju ta' importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti bħal dawn tul tliet snin konsekuttivi minn dak il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP jaqbeż il-limiti elenkati fl-Anness VI. Il-limiti għandhom ikunu kkalkulati bħala perċentwali tal-valur totali ta' importazzjonijiet tal-Unjoni tal-istess prodotti mill-pajjiżi benefiċjarji kollha tas-SĠP.

2. Qabel l-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji pprovduti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2), lista ta' taqsimajiet tas-SĠP li għalihom il-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 jkunu sospiżi fir-rigward ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP. L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid, kull tliet snin, il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tadotta att ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2), sabiex tissospendi jew terġa' tistabbilixxi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

4. Il-lista msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artiklu għandha tkun stabbilita abbażi tad-data disponibbli fl-1 ta' Settembru tas-sena li fiha jitmexxa l-eżami mill-ġdid u tas-sentejn qabel is-sena tal-eżami mill-ġdid. Għandha tqis importazzjonijiet minn pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP elenkati fl-Anness II bħala applikabbli f'dak iż-żmien. Iżda m'għandux jitqies il-valur ta' importazzjonijiet minn pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP, li fid-data tal-applikazzjoni tas-sospensjoni ma jkunx għadhom jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(1).

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż konċernat bl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafi 2 u 3.

6. Meta l-Anness II ikun emendat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness VI biex taġġusta l-modalitajiet elenkati f'dak l-Anness biex proporzjonatament iżżomm l-istess piż tas-taqsimajiet ta' prodotti gradwati kif iddefiniti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU III

ARRANĠAMENT SPEĊJALI TA' INĊENTIVI GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI U GOVERNANZA TAJBA

Artikolu 9

1. Pajjiż benefiċjarju tas-SĠP jista' jibbenefika mill-preferenzi tariffarji mogħtija skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) jekk:

(a) huwa jitqies li jkun vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni mhux suffiċjenti fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali, kif iddefinit fl-Anness VII;

(b) huwa jkun irratifika l-konvenzjonijiet kollha elenkati fl-Anness VIII (il-"konvenzjonijiet relevanti") u l-konklużjonijiet l-aktar riċenti disponibbli tal-korpi ta' monitoraġġ taħt dawk il-konvenzjonijiet (il-"korpi rilevanti ta' monitoraġġ") ma jidentifikawx nuqqas serju fl-implimentazzjoni effettiva ta' kull waħda minn dawk il-konvenzjonijiet;

(c) fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-konvenzjonijiet relevanti, ma jkunx ifformula riżerva li tkun ipprojbita minn xi waħda minn dawk il-konvenzjonijiet jew li għall-finijiet ta' dan l-Artikolu titqies inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' dik il-konvenzjoni.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu r-riżervi m'għandhomx jitqiesu inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' konvenzjoni ħlief jekk:

(i) ikun ġie ddeterminat hekk minn proċess stabbilit espliċitament għal dak l-għan; jew

(ii) fin-nuqqas ta' proċess bħal dan, l-Unjoni jekk tkun parti għall-konvenzjoni, u/jew maġġoranza kkwalifikata ta' Stati Membri parti għall-konvenzjoni, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom kif stabbiliti fit-Trattati, oġġezzjonaw għar-riżerva għar-raġuni li hija inkompatibbli mal-għan u l-fini tal-konvenzjoni b'hekk jopponu d-dħul fis-seħħ tal-konvenzjoni bejniethom u l-Istat li għamel ir-riżerva f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati;

(d) huwa jintrabat b'mod obbligatorju li jżomm ir-ratifika tal-konvenzjonijiet relevanti elenkati fl-Anness VIII u li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

(e) huwa jaċċetta mingħajr riżerva r-rekwiżiti ta' rapportar imposti minn kull konvenzjoni u jintrabat b'mod obbligatorju li jaċċetta monitoraġġ u reviżjonijiet regolari tar-rekord ta' implimentazzjoni tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet relevanti; u

(f) huwa jidħol f'impenn obbligatorju li jipparteċipa u jikkoopera fil-proċedura ta' monitoraġġ msemmija fl-Artikolu 13.

2. Meta l-Anness II ikun emendat, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-Anness VII biex teżamina mill-ġdid il-limitu ta' vulnerabbiltà elenkat fil-punt 1(b) tal-Anness VII biex proporzjonatament iżżomm l-istess piż tal-limitu ta' vulnerabbiltà kif ikkalkulat skont l-Anness VII.

▼B

Artikolu 10

1. L-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba għandu jingħata jekk jitħarsu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) pajjiż benefiċjarju tas-SĠP ikun għamel talba għal dak l-iskop; u

(b) l-eżami tat-talba juri li l-pajjiż li jagħmel it-talba jħares il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1).

2. Il-pajjiż li jagħmel it-talba għandu jissottometti t-talba tiegħu lill-Kummissjoni bil-miktub. It-talba għandha tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet relevanti u għandha tinkludi l-impenji obbligatorji msemmijin fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1).

3. Wara li tirċievi talba, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha.

4. Wara li teżamina t-talba, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex tistabbilixxi jew temenda l-Anness III sabiex il-pajjiż li jagħmel it-talba jingħata l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba billi dak il-pajjiż jiżdied mal-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SPĠ+.

5. Fejn pajjiż benefiċjarju tas-SPĠ+ ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 9(1), jew jirtira xi wieħed mill-impenji obbligatorji tiegħu msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att delegat, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness III sabiex dak il-pajjiż jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SPĠ+.

6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż li jagħmel it-talba dwar deċiżjoni meħuda skont il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu wara li l-Anness III jiġi emendat u ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fejn il-pajjiż li jagħmel it-talba jingħata l-arranġament speċjali ta' inċentivi, huwa għandu jkun mgħarraf bid-data li fiha l-att delegat rispettiv jidħol fis-seħħ.

7. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-għoti tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u tmexxija tajba b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi u s-sottomissjoni u l-ipproċessar ta' talbiet.

Artikolu 11

1. Il-prodotti inklużi fl-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba huma elenkati fl-Anness IX.

2. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness IX biex tqis emendi għan-Nomenklatura Magħquda li jaffettwaw il-prodotti elenkati f'dak l-Anness.

▼B

Artikolu 12

1. Dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha elenkati fl-Anness IX li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ għandhom ikunu sospiżi.

2. Dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu sospiżi għalkollox, ħlief għal prodotti li għalihom id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jinkludu dazji *ad valorem*. Għal prodotti bil-kodiċi 1704 10 90 tan-Nomenklatura Magħquda d-dazju speċifiku għandu jkun limitat għal 16 % tal-valur doganali.

Artikolu 13

1. Mid-data tal-għoti tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba, il-Kummissjoni għandha tkompli tirrevedi l-istatus ta' ratifika tal-konvenzjonijiet relevanti u għandha tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom, kif ukoll tal-kooperazzjoni mal-korpi ta' monitoraġġ relevanti, billi teżamina l-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' dawk il-korpi ta' monitoraġġ.

2. F'dan il-kuntest, pajjiż benefiċjarju tas-SPĠ + għandu jikkoopera mal-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun evalwat kemm huwa jirrispetta l-impenji obbligatorji tiegħu msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), u s-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-punt (c) tal-Artikolu 9(1).

Artikolu 14

1. Sal-1 ta' Jannar 2016, u kull sentejn wara dik id-data,il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-istatus ta' ratifika tal-konvenzjonijiet relevanti, il-konformità tal-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ ma' kull obbligu ta' rapportar skont dawk il-konvenzjonijiet u dwar l-istatus tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

2. Dak ir-rapport għandu jinkludi:

(a) il-konklużjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet ta' korpi ta' monitoraġġ rilevanti fir-rigward ta' kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+; u

(b) il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar jekk kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ jirrispettax l-impenji obbligatorji tiegħu li jkun konformi ma' obbligi ta' rapportar, li jikkoopera ma' korpi ta' monitoraġġ relevanti skont il-konvenzjonijiet relevanti u li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

Ir-rapport jista' jinkludi kull informazzjoni li l-Kummissjoni tqis xierqa.

3. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħha dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet relevanti, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, kif ukoll, mingħajr preġudizzju għal sorsi oħra, informazzjoni mressqa minn partijiet terzi, inklużi s-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

▼B

Artikolu 15

1. L-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba għandu jkun irtirat temporanjament għall-prodotti kollha jew għal ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, fejn fil-prattika dak il-pajjiż ma jirrispettax l-impenji obbligatorji tiegħu kif imsemmi fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), jew il-pajjiż benefiċjarju tas-SPĠ+ jkun ifformula riżerva li hija pprojbita minn xi waħda mill-konvenzjonijiet relevanti jew li hija inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' dik il-konvenzjoni kif stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 9(1).

2. Il-piż tal-prova għall-konformità mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn impenji obbligatorji kif imsemmi fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), u s-sitwazzjoni tiegħu kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 9(1), għandu jkun fuq il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+.

3. Fejn, jew abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 14 jew abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni jkollha dubju raġonevoli li pajjiż benefiċjarju partikolari tas-SĠP+ ma jirrispettax l-impenji obbligatorji tiegħu kif imsemmi fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), jew ikun ifformula riżerva li hija pprojbita minn xi waħda minn dawk il-konvenzjonijiet relevanti jew li hija inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' dik il-konvenzjoni kif stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 9(1), hija għandha, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2), tadotta att ta' implimentazzjoni biex tibda l-proċedura għall-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ konċernat dwar dan. L-avviż għandu:

(a) jiddikjara r-raġunijiet għad-dubju raġjonevoli fir-rigward tat-twettiq tal-impenji obbligatorji tal-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ kif imsemmi fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1), jew dwar l-eżistenza ta' riżerva li hija pprojbita minn xi waħda mill-konvenzjonijiet relevanti jew li hija inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' dik il-konvenzjoni kif stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 9(1), li jista' jqiegħed f'dubju d-dritt tiegħu li jkompli jgawdi l-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba; u

(b) jispeċifika l-perjodu, li jista' ma jaqbiżx sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, li fih pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ għandu jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż benefiċjarju konċernat kull opportunità li jikkoopera matul il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4.

6. Il-Kummissjoni għandha tara li tikseb l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa inklużi, *inter alia*, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħha l-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni kollha rilevanti.

▼B

7. Fi żmien tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu speċifikat fl-avviż, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi:

(a) li ttemm il-proċedura ta' rtirar temporanju; jew

(b) li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba.

8. Fejn il-Kummissjoni tqis li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex ittemm il-proċedura ta' rtirar temporanju skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jkun ibbażat fost oħrajn fuq l-evidenza riċevuta.

9. Fejn il-Kummissjoni tqis li s-sejbiet jiġġustifikaw irtirar temporanju għar-raġunijiet msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija jkollha s-setgħa, skont l-Artikolu 36, li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness III biex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji stipulati taħt l-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2).

10. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar irtirar temporanju, tali att iddelegat għandu jsir effettiv sitt xhur wara l-adozzjoni tiegħu.

11. Fejn ir-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju ma jkunux għadhom japplikaw qabel ma l-att iddelegat imsemmi fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu jkollha effett, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa tirrevoka l-att adottat li tirtira temporanjament preferenzi tariffarji skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 37.

12. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-irtirar temporanju tal-arranġament tal-inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u tmexxija tajba b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, drittijiet ta' partijiet, konfidenzjalità u reviżjoni.

Artikolu 16

Fejn il-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) ma jkunux għadhom japplikaw, hija għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness III sabiex tagħti lura l-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba.

KAPITOLU IV

ARRANĠAMENT SPEĊJALI GĦALL-PAJJIŻI L-ANQAS ŻVILUPPATI

Artikolu 17

1. Pajjiż eliġibbli għandu jibbenefika mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2), jekk dak il-pajjiż ikun identifikat min-Nazzjonijiet Uniti bħala pajjiż l-anqas żviluppat.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi kontinwament il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji ta' KħA abbażi ta' data disponibbli l-aktar reċenti. Fejn pajjiż benefiċjarju ta' KħA ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness IV sabiex tneħħi l-pajjiż mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji ta' KħA wara perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin mid-data li fiha jkun daħal fis-seħħ l-att delegat.

3. Sakemm ikun hemm l-identifikazzjoni min-NU ta' pajjiż indipendenti ġdid bħala pajjiż l-anqas żviluppat, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Anness IV bħala miżura interim biex tinkludi pajjiż bħal dak fil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji ta' KħA.

Jekk dak il-pajjiż indipendenti ġdid ma jkunx identifikat min-NU bħala pajjiż l-anqas żviluppat ("LDC") matul l-ewwel reviżjoni disponibbli tal-kategorija tal- pajjiżi l-anqas żviluppati, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati minnufih, f'konformità mal-Artikolu 36, biex jiġi emendat l-Anness IV sabiex dak il-pajjiż jitneħħa minn dak l-Anness, mingħajr ma jkun konċess il-perjodu tranżizzjonali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil pajjiż benefiċjarju ta' KħA konċernat b'kull tibdil fl-istatus tiegħu skont l-iskema.

Artikolu 18

1. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha li huma elenkati fil-Kapitoli 1 sa 97 tan-Nomenklatura Magħquda, ħlief dawk fil-Kapitolu 93, li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju ta' KħA, għandhom ikunu sospiżi għalkollox.

2. Mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2015, importazzjonijiet ta' prodotti tal-intestatura tariffarja1701 tat-Tariffa Doganali Komuni jkun jeħtiġilhom liċenzja ta' importazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3), tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]).

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET TA' RTIRAR TEMPORANJU KOMUNI GĦALL-ARRANĠAMENTI KOLLHA

Artikolu 19

1. L-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jkunu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼B

(a) ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness VIII;

(b) esportazzjoni ta' prodotti magħmulin f'ħabsijiet;

(c) nuqqasijiet serji ta' kontrolli doganali għall-esportazzjoni jew transitu ta' drogi (sustanzi jew prekursuri illeċiti), jew nuqqas ta' konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħasil tal-flus;

(d) prattiki kummerċjali mhux ġusti, serji u sistematiċi inklużi dawk li jaffettwaw il-forniment ta' materja prima, li jkollhom effett ħażin fuq l-industrija tal-Unjoni u li ma jkunux ġew indirizzati mill-pajjiż benefiċjarju. Fir-rigward ta' dawk il-prattiki kummerċjali mhux ġusti, li huma pprojbiti jew persegwibbli, skont il-Ftehimiet tad-WTO, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun abbażi ta' determinazzjoni ta' qabel għal dak il-fini mill-korp kompetenti tad-WTO;

(e) ksur serju u sistematiku tal-objettivi adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd jew ta' kull arranġament internazzjonali li tiegħu l-Unjoni tkun parti li jikkonċerna l-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd.

2. L-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu rtirati skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 fir-rigward ta' prodotti li jkunu soġġetti għal miżuri ta' antidumping jew ta' kumpens skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009tal- 11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) jew (KE) Nru 1225/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([2]), għar-raġunijiet li jiġġustifikaw dawk il-miżuri.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont kull arranġament preferenzjali msemmi fl-Artikolu 1(2) abbażi tar-raġunijiet msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tibda l-proċedura għal irtirar temporanju skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2). Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dak l-att ta' implimentazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar il-bidu ta' proċedura ta' rtirar temporanju, u għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju konċernat dwar dan. L-avviż għandu:

(a) jagħti raġunijiet suffiċjenti għall-att ta' implimentazzjoni sabiex tinbeda proċedura ta' rtirar temporanju msemmija fil-paragrafu 3; u

(b) jiddikjara li l-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ u evalwazzjoni tal-qagħda fil-pajjiż benefiċjarju konċernat għal sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([2]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż benefiċjarju konċernat kull opportunità li jikkoopera matul il-perjodu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tara li tikseb l-informazzjoni kollha li hija tqis meħtieġa, *inter alia*, l-evalwazzjonijiet, il-kummenti, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet disponibbli tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, skont il-każ. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħha l-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni kollha rilevanti.

7. Fi żmien tliet xhur mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4 il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha lill-pajjiż benefiċjarju konċernat. Il-pajjiż benefiċjarju jkollu d-dritt jissottometti l-kummenti tiegħu dwar ir-rapport. Il-perjodu għal kummenti m'għandux jaqbeż xahar.

8. Fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4 il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi:

(a) li ttemm il-proċedura ta' rtirar temporanju; jew

(b) li temporanjament tirtira l-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2).

9. Fejn il-Kummissjoni tqis li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2), dwar it-tmiem tal-proċedura ta' rtirar temporanju.

10. Fejn il-Kummissjoni tqis li s-sejbiet jiġġustifikaw irtirar temporanju għar-raġunijiet msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija jkollha s-setgħa, skont l-Artikolu 36, li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi II, III jew IV, skont liema minnhom ikun japplika, biex temporanjament tirtira l-preferenzi tariffarji stipulati taħt l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2).

11. Għal kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafi 9 u 10, l-att adottat għandu jkun ibbażat fost oħrajn fuq l-evidenza riċevuta.

12. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar irtirar temporanju, tali att iddelegat għandu jsir effettiv sitt xhur wara l-adozzjoni tiegħu.

13. Fejn ir-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju ma jkunux għadhom japplikaw qabel l-att iddelegat imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jkollha effett, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tirrevoka l-att adottat sabiex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 37.

14. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-irtirar temporanju tal-arranġamenti kollha b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, drittijiet ta' partijiet, konfidenzjalità u reviżjoni.

▼B

Artikolu 20

Fejn il-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) ma jkunux għadhom japplikaw, hija għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex temenda l-Annessi II, III jew IV, skont liema minnhom ikun japplika, sabiex jerġgħu jiddaħħlu l-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 21

1. L-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament jistgħu jkunu rtirati temporanjament fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, f'każijiet ta' frodi, irregularitajiet jew nuqqas sistematiku ta' konformità mar-regoli dwar l-oriġini tal-prodotti jew li tkun żgurata l-konformità magħhom u mal-proċeduri relatati magħhom, jew nuqqas li tingħata kooperazzjoni amministrattiva kif rikjest għall-implimentazzjoni u l-viġilanza tal-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 jeħtiġilha, *inter alia*, li pajjiż benefiċjarju:

(a) jikkomunika mal-Kummissjoni u jaġġorna l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal- regoli ta' oriġini u l-viġilanza tagħhom;

(b) jassisti lill-Unjoni billi jwettaq, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, verifika sussegwenti tal-oriġini tal-prodotti, u jikkomunika r-riżultati fil-waqt lill-Kummissjoni;

(c) jassisti lill-Unjoni billi jħalli lill-Kummissjoni, b'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tmexxi l-missjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva u investigattiva tal-Unjoni f'dak il-pajjiż, biex tivverifika l-awtentiċità ta' dokumenti jew l-eżattezza ta' informazzjoni rilevanti għall-għoti tal-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2);

(d) iwettaq jew jagħmel arranġamenti għal inkjesti xierqa biex ikunu identifikati r-regoli ta' oriġini u ma jitħalliex ikun hemm kontravenzjoni tagħhom;

(e) ikun konformi jew jiżgura konformità mar-regoli ta' oriġini fir-rigward ta' kumulu reġjonali, skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jekk il-pajjiż jibbenefika minnhom; u

(f) jassisti lill-Unjoni fil-verifika ta' mġiba fejn ikun hemm preżunzjoni ta' frodi b'rabta' ma' oriġini, li minħabba fiha jista' jkun hemm preżunzjoni tal-eżistenza ta' frodi fejn importazzjonijiet ta' prodotti skont l-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament jaqbżu b'mod massiv il-livelli tas-soltu ta' esportazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika rtirar temporanju għar-raġunijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tiddeċiedi skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 39(4) li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji stipulati taħt l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2), fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju.

▼B

4. Qabel ma tieħu tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fejn tiddikjara li hemm raġunijiet li jwasslu għal dubju raġonevoli dwar il-konformità mal-paragrafi 1 u 2 li jisgħu jixħtu dubju dwar kemm il-pajjiż benefiċjarju għandu dritt li jkompli jgawdi l-benefiċċji mogħtija lilu permezz ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-pajjiż benefiċjarju konċernat b'kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 3, qabel ma jibda jkollha effett.

6. Il-perjodu ta' rtirar temporanju m'għandux jaqbeż is-sitt xhur. Mhux aktar tard minn meta jagħlaq dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 39(4) li ttemm l-irtirar temporanju jew li testendi l-perjodu ta' rtirar temporanju.

7. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tiġġustifika rtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji jew l-esatensjoni tagħhom.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TA' SALVAGWARDJA U SORVELJANZA

TAQSIMA I

Salvagwardji ġenerali

Artikolu 22

1. Fejn prodott li joriġina f'pajjiż benefiċjarju ta' kull wieħed mill-preferenzjali arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2) jkun importat f'volumi u/jew bi prezzijiet li jikkawżaw, jew li jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji lil produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament miegħu, jistgħu jerġgħu jiddaħħlu dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni fuq dak il-prodott.

2. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, "prodott simili" tfisser prodott li jkun identiku, jiġifieri simili f'kull rigward, għall-prodott taħt konsiderazzjoni, jew, fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li, għalkemm ma jkunx simili f'kull rigward, ikollu karatteristiċi li jixbhu mill-qrib lil dawk tal-prodott taħt konsiderazzjoni.

3. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, "partijiet interessati" tfisser dawk il-partijiet involuti fil-produzzjoni, distribuzzjoni u/jew bejgħ tal-importazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

4. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 36, biex tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri ġenerali ta' salvagwarda b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, drittijiet ta' partijiet, konfidenzjalità, żvelar, verifika, żjajjar u reviżjoni.

▼B

Artikolu 23

Għandu jkun ikkunsidrat li jeżistu diffikultajiet serji fejn produtturi tal-Unjoni jbatu minn degradazzjoni fil-qagħda ekonomika u/jew finanzjarja tagħhom. Meta teżamina jekk teżistix degradazzjoni bħal dik, il-Kummissjoni għandha tqis, *inter alia*, il-fatturi li ġejjin dwar il-produtturi tal-Unjoni, fejn informazzjoni bħal dik tkun disponibbli:

(a) sehem mis-suq;

(b) produzzjoni;

(c) ishma;

(d) kapaċità tal-produzzjoni;

(e) fallimenti;

(f) qligħ;

(g) utilizzazzjoni ta' kapaċità;

(h) impjiegi;

(i) importazzjonijiet;

(j) prezzijiet.

Artikolu 24

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga jekk ikollhomx jiddaħħlu mill-ġdid id-dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni jekk *prima facie* jkun hemm evidenza suffiċjenti li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 22(1) ikunu sodisfatti.

2. Għandha tinbeda investigazzjoni meta jitlobha Stat Membru, persuna ġuridika jew kull assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li jaġixxu f'isem produtturi tal-Unjoni, jew meta titlobha l-Kummissjoni fuq inizjattiva proprja, jekk il-Kummissjoni jidhrilha li jkun hemm *prima facie* evidenza suffiċjenti, kif ikun determinat abbażi ta' fatturi msemmija fl-Artikolu 23, li tiġġustifika li tinbeda investigazzjoni bħal din. It-talba biex tinbeda investigazzjoni għandu jkollha evidenza li l-kondizzjonijiet biex tkun imposta l-miżura ta' salvagwardja indikata fl-Artikolu 22(1) ikunu sodisfatti. It-talba għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun possibbli, teżamina kemm l-evidenza pprovduta fit-talba tkun eżatta u adegwata biex tiddetermina jekk *prima facie* jkunx hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika li jingħata bidu għal investigazzjoni.

3. Fejn ikun jidher li *prima facie* jkun hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-investigazzjoni għandha tibda fi żmien xahar minn meta tkun waslet talba skont il-paragrafu 2. Jekk tinbeda investigazzjoni l-avviż għandu jagħti d-dettalji kollha meħtieġa dwar il-proċedura u l-iskadenzi, inkluż li wieħed ikun jista' jirrikorri għand l-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea.

4. Investigazzjoni, inklużi l-passi proċedurali msemmija fl-Artikoli 25, 26 u 27, għandha tingħalaq fi żmien 12-il xahar minn meta tinbeda.

▼B

Artikolu 25

Abbaži ta' raġunijiet ta' urġenza ġustifikati kif imiss b'rabta ma' degradazzjoni tal-qagħda ekonomika u/jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni, u fejn id-dewmien jista' joħloq ħsara li jkun diffiċli tissewwa, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta immedjatament atti applikabbli ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 39(4) biex iddaħħal mill-ġdid dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar.

Artikolu 26

Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 22(1) jkunu sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex iddaħħal mill-ġdid id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 27

Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 22(1) ma jkunux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jttemm l-investigazzjoni u l-proċedimenti skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-investigazzjoni għandha titqies mitmuma jekk ma jkun ippubblikat ebda att ta' implimentazzjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 24(4), u kull miżura preventiva urġenti għandha tiskadi awtomatikament. Kwalunkwe dazji tat-Tariffa Doganali Komuni miġbura b' riżultat ta' dawk il-miżuri proviżorji għandhom jiġu rimborżati.

Artikolu 28

Dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jiddaħħlu mill-ġdid sa kemm ikun meħtieġ biex jeħduha kontra d-degradazzjoni fil-qagħda ekonomika u/jew finanzjarja ta' produtturi tal-Unjoni, jew sakemm it-theddida ta' degradazzjoni bħal dik tippersisti. Il-perjodu għad-dħul mill-ġdid m'għandux ikun aktar minn tliet snin, sakemm ma jkunx estiż minħabba ċirkostanzi ġustifikati kif imiss.

TAQSIMA II

Salvagwardji fis-Setturi tat-Tessuti, l-Agrikoltura u s-Sajd

Artikolu 29

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, fl-1 Jannar ta' kull sena, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja u skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2), għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tneħħi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikoli 7 u 12 fir-rigward tal-prodotti mit-taqsimiet tas-SĠP S-11(a) u S-11(b) tal-Anness V jew tal-prodotti li jagħmlu parti mill-kodiċi tan-Nomenklatura Maqgħuda 2207 10 00, 2207 20 00, 2909 19 10, 3814 00 90, 3820 00 00, u 3824 90 97 fejn importazzjonijiet ta' prodotti bħal dawn, elenkati rispettivament fl-Annessi V jew IX, skont liema minnhom ikun japplika, joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju u t-total tagħhom:

▼B

(a) jiżdied b'mill-anqas 13,5 % fil-kwantità (bil-volum), kif imqabbel mas-sena kalendarja ta' qabel; jew

(b) għall-prodotti taħt it-taqsimiet tas-SĠP S-11a u S-11b tal-Anness V, jaqbżu s-sehem imsemmi fil-punt 2 tal-Anness VI tal-valur ta' importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti fit-taqsimiet tas-SĠP S-11a u S-11b tal-Anness V mill-pajjiżi u t-territorji kollha elenkati fl-Anness II matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għal pajjiżi benefiċjarji ta' KħA, u lanqas m'għandu japplika għal pajjiżi b'sehem għall-prodotti rilevanti msemmija fl-Artikolu 29(1) li ma jaqbiżx is-6 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-istess prodotti elenkati fl-Annessi V jew IX, skont liema minnhom ikun japplika.

3. It-tneħħija tal-preferenzi tariffarji għandha ssir effettiva xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-att tal-Kummissjoni f'dak ir-rigward f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 30

Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, fejn importazzjonijiet ta' prodotti inklużi fl-Anness I tat-Trattat jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, taqlib serju għas-swieq tal-Unjoni, b'mod partikolari għal wieħed jew aktar mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, jew għall-mekkaniżmi regolatorji ta' dawn is-swieq, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja jew meta Stat Membru jagħmel talba, wara li tikkonsulta mal-kumitat għall-organizzazzjoni tas-suq komuni rilevanti għall-agrikoltura u s-sajd, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tissospendi l-arranġamenti preferenzjali fir-rigward tal-prodotti konċernati skont l- proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

Artikolu 31

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-pajjiż benefiċjarju konċernat malajr kemm jista' jkun dwar kull deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 29 jew 30 qabel ma jibda jkollha effett.

TAQSIMA III

Sorveljanza fis-Setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd

Artikolu 32

1. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, prodotti mill-Kapitoli 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji, jistgħu jkunu soġġetti għal mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza, biex ikunu evitati taqlibiet għas-swieq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja jew meta Stat Membru jagħmel talba, wara li tikkonsulta mal-kumitat għall-organizzazzjoni tas-suq komuni rilevanti għall-agrikoltura u s-sajd, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3), dwar jekk tapplikax dan il-mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza, u għandha tiddetermina l-prodotti li għalihom dan il-mekkaniżmu ta' sorveljanza għandu jkun applikat.

▼B

2. Fejn it-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu tkunu applikata għal prodotti fil-Kapitoli 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji, il-perjodu msemmi fl-Artikolu 24(4) ta' dan ir-Regolament għandu jitnaqqas għal xahrejn fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-pajjiż benefiċjarju konċernat ma jiżgurax konformità mar-regoli ta' oriġini jew ma jipprovdix kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 21; jew

(b) meta importazzjonijiet ta' prodotti mill-Kapitoli 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni, kif stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, skont l-arranġamenti preferenzjali mogħtija skont dan ir-Regolament, jaqbeż b'mod massiv il-livelli tas-soltu ta' esportazzjonijiet mill-pajjiż benefiċjarju konċernat.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 33

1. Biex jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji, il-prodotti li għalihom jintalbu l-preferenzi tariffarji għandhom joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju.

2. Għall-finijiet tal-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, ir-regoli ta' oriġini dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw, il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati magħhom għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 34

1. Fejn ir-rata ta' dazju *ad valorem* għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni waħidha titnaqqas skont dan ir-Regolament għal 1 % jew anqas, dak id-dazju għandu jkun sospiż għalkollox.

2. Fejn ir-rata ta' dazju speċifiku għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni waħidha titnaqqas skont dan ir-Regolament għal EUR 2 jew anqas għal kull ammont waħdu ta' ewro, dak id-dazju għandu jkun sospiż għalkollox.

3. Bla ħsara għall-paragrafi 1 u 2, ir-rata finali tad-dazju preferenzjali kkalkulat skont dan ir-Regolament għandha taqta' għad-dritt 'l isfel sal-ewwel ċifra deċimali.

Artikolu 35

1. Is-sors ta' statistika li għandu jintuża għall-fini ta' dan ir-Regolament għandu jkun l-istatistika dwar kummerċ estern tal-Kummissjoni (Eurostat).

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-data statistika tagħhom dwar prodotti mqiegħda taħt il-proċedura doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera taħt il-preferenzi tariffarji konformement mar-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri ([1]). Dik id-data, mogħtija b'referenza għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda u, fejn japplika, għall-kodiċijiet tat-Tariffa Integrata tal-Komunità Ewropea (TARIC), għandhom juru, skont il-pajjiż ta' oriġini, il-valuri, il-kwantitajiet u kull unità supplimentari meħtieġa skont id-definizzjonijiet f'dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jibagħtu dik id-data statistika mhux aktar tard minn 40 jum wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' referenza ta' kull xahar. Sabiex tiġi ffaċilitata l-informazzjoni u tiżdied it-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li d-data statistika rilevanti għat-taqsimiet tas-SĠP tkun regolarment disponibbli f'bażi ta' data pubblika.

3. Skont l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, meta titlobhom, dettalji tal-kwantitajiet u l-valuri ta' prodotti maħruġin f'ċirkolazzjoni ħielsa skont il-preferenzi tariffarji, matul ix-xhur ta' qabel. Dik id-data għandha tinkludi l-prodotti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tagħmel monitoraġġ tal-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 0603, 0803 90 10, 1006, 1604 14, 1604 19 31, 1604 19 39, 1604 20 70, 1701, 1704, 1806 10 30, 1806 10 90, 2002 90, 2103 20, 2106 90 59, 2106 90 98, 6403, 2207 10 00, 2207 20 00, 2909 19 10, 3814 00 90, 3820 00 00 u 3824 90 97, biex tiddetermina jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 22, 29 u 30 ikunux tħarsu.

Artikolu 36

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati qed jingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 17, 19, 20 u 22 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien mill-20 ta' Novembru 2012.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikoli 3, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 17, 19, 20 jew 22 tista' tkun irrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

([1]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23.

▼B

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 17, 19, 20 jew 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux ser jagħmlu oġġezzjoni. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 37

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ bla dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma titqajjimx oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' att delegat adottat skont dan l-Artikolu għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 36(5). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni għal oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 38

1. Informazzjoni riċevuta bis-saħħa ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun intalbet.

2. La informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u lanqas informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali riċevuta bis-saħħa ta' dan ir-Regolament ma għandha tiġi żvelata mingħajr il-permess speċifiku ta' min jipprovdi dik l-informazzjoni.

3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tagħti r-raġunijiet għaliex l-informazzjoni tkun kunfidenzjali. Madakollu, jekk min jipprovdi l-informazzjoni ma jixtieqx li jagħmilha pubblika jew li jawtorizza l-iżvelar tagħha f'termini ġenerali jew f'għamla ta' sommarju u jekk ikun jidher li t-talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx ġustifikata, l-informazzjoni kkonċernata tista' tiġi injorata.

4. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni għandha titqies bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq min jipprovdiha jew fuq is-sors ta' dik l-informazzjoni.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal informazzjoni ġenerali u b'mod partikolari għar-raġunijiet li jkunu bbażati fuqhom id-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Madankollu, dawk l-awtoritajiet għandhom iqisu l-interess leġittimu tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati sabiex issigrieti kummerċjali tagħhom ma jiġux żvelati.

Artikolu 39

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 732/2008. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-Kumitat jista' jeżamina kull materja relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imqajma mill-Kummissjoni jew wara talba minn Stat membru.

▼B

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 40

Sal 1 ta' Jannar 2016 u kull sentejn minn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dwar l-effetti tal-iskema li jkun ikopri l-perjodu l-aktar reċenti ta' sentejn u l-arranġamenti preferenzjali kollha msemmija fl-Artikolu 1(2).

Sal-21 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali rapport jista', fejn meħtieġ, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 41

Ir-regolament (KE) Nru 732/2008 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness X.

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

1. Kull investigazzjoni jew proċedura ta' rtirar temporanju mibdijin u mhux mitmuma skont ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 għandhom jinbdew awtomatikament skont dan ir-Regolament, ħlief fir-rigward ta' pajjiż benefiċjarju tal-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba skont ir-Regolament jekk l-investigazzjoni tkun biss dwar il-benefiċċji mogħtija skont l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba. Iżda din l-investigazzjoni għandha tinbeda mill-ġdid awtomatikament jekk l-istess pajjiż benefiċjarju japplika għall-arranġament speċjali ta' inċentivi skont dan ir-Regolament qabel l-1 ta' Jannar 2015.

2. L-informazzjoni riċevuta matul investigazzjoni mibdija u mhux mitmuma skont ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 għandha titqies f'kull investigazzjoni mibdija mill-ġdid.

Artikolu 43

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

2. Huwa għandu japplika mill-20 ta' Novembru 2012.

Madanakollu, il-preferenzi tariffarji msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014.

3. L-iskema għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2023. Madankollu, id-data tal-iskadenza m'għandhiex tapplika la għall-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, u lanqas, sakemm jiġu applikati flimkien ma' dak l-arranġament, għal kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TA' ANNESSI

Anness I - Pajjiżi eliġibbli għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3

Anness II - Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)

Anness III - Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)

Anness IV - Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2)

Anness V - Lista ta' prodotti inklużi fl-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)

Anness VI - Modalitajiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8

Anness VII - Modalitajiet għall-applikazzjoni tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament

Anness VIII - Konvenzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 9

Anness IX - Lista ta' prodotti inklużi fl-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)

Anness X - Tabella ta' korrelazzjoni

▼M2

ANNESS I

Pajjiżi eliġibbli ([1]) għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AE	L-Emirati Għarab Magħquda
AF	L-Afganistan
AG	Antigwa u Barbuda
AL	L-Albanija
AM	L-Armenja
AO	L-Angola
AR	L-Arġentina
AZ	L-Ażerbajġan
BA	Il-Bosnja-Ħerzegovina
BB	Il-Barbados
BD	Il-Bangladexx
BF	Burkina Faso
BH	Il-Baħrejn
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BN	Il-Brunej Darussalam
BO	Il-Bolivja
BR	Il-Brażil
BS	Il-Baħamas
BT	Il-Butan
BW	Il-Botswana
BY	Il-Belarus
BZ	Il-Beliże
CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta'
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
CG	Il-Kongo

([1]) Din il-lista tinkludi pajjiżi li mingħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Irid ikun possibbli għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jipprovdu lista aġġornata.

▼**M2**

A	B
CI	Il-Côte d'Ivoire
CK	Il-Gżejjer Cook
CL	*Iċ-Ċilì*
CM	Il-Kamerun
CN	Iċ-Ċina, ir-Repubblika Popolari ta'
CO	Il-Kolombja
CR	Il-Kosta Rika
CU	Kuba
CV	Il-Kap Verde
DJ	Ġibuti
DM	Dominika
DO	Ir-Repubblika Dominikana
DZ	L-Alġerija
EC	L-Ekwador
EG	L-Eġittu
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja
FJ	Fiġi
FM	Il-Mikroneżja, l-Istati Federati ta'
GA	Il-Gabon
GD	Grenada
GE	Il-Ġeorġja
GH	Il-Gana
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
GT	Il-Gwatemala
GW	Il-Ginea Bissaw
GY	Il-Gujana
HK	Ħong Kong
HN	Il-Ħonduras
HT	Ħaiti
ID	L-Indoneżja

▼M2

A	B
IN	L-Indja
IQ	L-Iraq
IR	L-Iran
JM	Il-Ġamajka
JO	Il-Ġordan
KE	Il-Kenja
KG	Ir-Repubblika Kirgiża
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Komoros
KN	St Kitts u Nevis
KW	Il-Kuwajt
KZ	Il-Kazakistan
LA	Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos
LB	Il-Libanu
LC	Santa Luċija
LK	Is-Sri Lanka
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto
LY	Il-Ġamaħirija Għarbija Libjana
MA	Il-Marokk
MD	Ir-Repubblika tal-Moldova
ME	Il-Montenegro
MG	Il-Madagaskar
MH	Il-Gżejjer Marshall
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja
ML	Il-Mali
MM	Burma/Mjanmar
MN	Il-Mongolja
MO	Il-Makaw
MR	Il-Mawritanja
MU	Il-Mawrizju
MV	Il-Maldive

▼M2

A	B
MW	Il-Malawi
MX	Il-Messiku
MY	Il-Malasja
MZ	Il-Możambik
NA	In-Namibja
NE	In-Niġer
NG	In-Niġerja
NI	In-Nikaragwa
NP	In-Nepal
NR	Nauru
NU	Nju
OM	L-Oman
PA	Il-Panama
PE	Il-Perù
PG	Il-Papwa Ginea Ġdida
PH	Il-Filippini
PK	Il-Pakistan
PW	Il-Palaw
PY	Il-Paragwaj
QA	Il-Qatar
RU	Il-Federazzjoni Russa
RW	Ir-Rwanda
SA	L-Arabja Sawdija
SB	Il-Gżejjer Solomon
SC	Is-Seychelles
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SR	Is-Surinam
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tomé u Prinċipe
SV	El Salvador

▼M2

A	B
SY	Ir-Repubblika Għarbija Sirjana
SZ	Is-Sważiland
TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TH	It-Tajlandja
TJ	It-Taġikistan
TL	Timor Leste
TM	It-Turkmenistan
TN	It-Tuneżija
TO	It-Tonga
TT	Trinidad u Tobago
TV	It-Tuvalu
TZ	It-Tanzanija
UA	L-Ukraina
UG	L-Uganda
UY	L-Urugwaj
UZ	L-Uzbekistan
VC	St Vincent u l-Grenadini
VE	Il-Venezwela
VN	Il-Vjetnam
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
XK	Il-Kosovo ([1])
XS	Is-Serbja
YE	Il-Jemen
ZA	L-Afrika t'Isfel
ZM	Iż-Żambja
ZW	Iż-Żimbabwe

([1]) Din id-dežinjazzjoni hi mingħajr preġudizzjoni għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1244(1999) u l-Opinjoni tal-Ġustizzja Internazzjonali dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

▼**M2**

Pajjiżi eliġibbli għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3 li ġew temporanjament irtirati mill-iskema, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
BY	Il-Belarus

▼M2

ANNESS II

Pajjiżi benefiċjarji [1] **tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)**

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AF	L-Afganistan
AM	L-Armenja
AO	L-Angola
BD	Il-Bangladexx
BF	Il-Burkina Faso
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BO	Il-Bolivja
BT	Il-Butan
▼M6 _____	
▼M2 CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta'
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
CG	Il-Kongo
▼M6 CI	Il-Côte d'Ivoire
▼M2 *CK*	*Il-Gżejjer Cook*
▼M10 _____	
▼M2 CN	Iċ-Ċina, or-Repubblika Popolari ta'
▼M5 _____	
▼M2 CV	Il-Kap Verde

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li mingħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Irid ikun possibbli għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jipprovdu lista aġġornata.

▼M2

A	B
DJ	Ġibuti
EC	L-Ekwador (*)
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja
▼M10	
FM	Il-Mikroneżja, l-Istati Federati ta'
▼M10	
▼M6	
GH	Il-Gana
▼M2	
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
▼M5	
▼M2	
GW	Il-Ginea Bissaw
▼M5	
▼M2	
HT	Ħaiti
ID	L-Indoneżja
IN	L-Indja
▼M10	
▼M6	
KE	Il-Kenja
▼M2	
KG	Ir-Repubblika Kirgiża
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Komoros
LA	Ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos
LK	Is-Sri Lanka
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto

(*) Dan il-pajjiż benefiċjarju għandu jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

▼M2

A	B
MG	Il-Madagaskar

▼M10

_____	

▼M2

ML	Il-Mali
MM	Burma/Mjanmar
MN	Il-Mongolja
MR	Il-Mawritanja
MV	Il-Maldive (*)
MW	Il-Malawi
MZ	Il-Możambik

▼M6

_____	

▼M2

NE	In-Niġer
NG	In-Niġerja

▼M5

_____	

▼M2

NP	In-Nepal
NR	Nauru
NU	*Nju*

▼M5

_____	

▼M2

PH	Il-Filippini
PK	Il-Pakistan
PY	Il-Paragwaj
RW	Ir-Rwanda
SB	Il-Gżejjer Solomon
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tomé u Prinċipe

▼M5

_____	

(*) Dan il-pajjiż benefiċjarju għandu jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

▼M2

A	B
SY	Ir-Repubblika Għarbija Sirjana
▼M6 SZ	Is-Sważiland
▼M2 TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TH	It-Tajlandja (*)
TJ	It-Taġikistan
TL	Timor Leste
▼M5 _____	
▼M10 _____	
▼M12 GĦAL	It-Tonga
▼M2 TV	Tuvalu
TZ	It-Tanzanija
UA	L-Ukraina
UG	L-Uganda
UZ	L-Uzbekistan
VN	Il-Vjetnam
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
YE	Il-Jemen
ZM	Iż-Żambja

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) li ġew irtirati temporanjament minn dan l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B

(*) Dan il-pajjiż benefiċjarju għandu jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

▼M3

ANNESS III

Pajjiżi benefiċjarji [1] tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ esterna tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AM	L-Armenja
BO	Il-Bolivja
▼M5 _____	
▼M3 CV	Il-Kap Verde
▼M5 _____	
▼M10 _____	
▼M5 _____	
▼M11 KG	Ir-Repubblika Kirgiża
▼M13 LK	Is-Sri Lanka
▼M3 MN	Il-Mongolja
▼M5 _____	
▼M7 PH	Il-Filippini
▼M3 PK	Il-Pakistan
PY	Il-Paragwaj
▼M5 _____	

▼M3

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) li ġew irtirati temporanjament minn dak l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ esterna tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li l-preferenzi għalihom setgħu kienu rtirati jew sospiżi temporanjament. Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat se jkunu jistgħu jipprovdu lista aġġornata.

▼M2

ANNESS IV

Pajjiżi benefiċjarji [1] tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2)

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AF	L-Afganistan
AO	L-Angola
BD	Il-Bangladexx
BF	Il-Burkina Faso
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BT	Il-Butan
CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta'
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
DJ	Ġibuti
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
GW	Il-Ginea Bissaw
HT	Ħaiti
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Gżejjer Komoros (Gżejjer)
LA	Laos (Ir-Repubblika Demokratika Popolari ta')
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto
MG	Il-Madagaskar
ML	Mali

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li mingħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż konċernat ser ikunu jistgħu jipprovdu lista aġġornata.

▼**M2**

A	B
MM	Burma/Mjanmar
MR	Il-Mawritanja
MW	Il-Malawi
MZ	Il-Możambik
NE	In-Niġer
NP	In-Nepal
RW	Ir-Rwanda
SB	Il-Gżejjer Solomon
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tome u Principle
TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TL	Timor Leste
TV	Tuvalu
TZ	It-Tanzanija (Ir-Repubblika ta')
UG	L-Uganda
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
YE	Il-Jemen
ZM	Iż-Żambja

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) li kienu rtirati temporanjament minn dan l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B

▼B

ANNESS V

Lista ta’ prodotti inklużi fl-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (“NM”), id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva, billi l-preferenzi tariffarji jkunu determinati mill-kodiċijiet NM. Fejn kodiċijiet NM ikunu indikati “ex”, il-preferenzi tariffarji għandhom ikunu determinati mill-kodiċi NM u mid-deskrizzjoni, flimkien.

Entrata ta’ prodotti b’kodiċi NM immarkata b’asterisk (*) tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni.

Il-kolonna “Taqsima” telenka taqsimiet tas-SĠP (Artikolu 2(h))

Il-kolonna “Kapitolu” telenka kapitoli tan-NM koperti minn taqsima tas-SĠP (Artikolu 2(i))

Il-kolonna “Sensittivi/mhux sensittivi” tirreferi għall-prodotti inklużi fl-arranġament ġenerali (Artikolu 6). Dawn il-prodotti huma elenkati bħala li huma jew NS (mhux sensittivi, għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)) jew S (sensittivi, għall-finijiet tal-Artikolu 7(2)).

Għal raġunijiet ta’ simplifikazzjoni, il-prodotti huma elenkati fi gruppi. Dawn jistgħu jinkludu prodotti li għalihom dazji tat-Tariffa Doganali Komuni kienu rtirati jew sospiżi.

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
S-1a	01	0101 29 90	Żwiemel ħajjin, minbarra annimali ta’ razza pura għar-razza, minbarra għall-qatla	S
		0101 30 00	Ħmir ħajjin, minbarra annimali ta’ razza pura għar-razza	S
		0101 90 00	Bgħula u bgħula tar-rkib ħajjin	S
		0104 20 10*	Mogħoż ħajjin, ta’ razza pura għar-razza	S
		0106 14 10	Fniek domestiċi ħajjin	S
		0106 39 10	Ħamiem ħaj	S
	02	0205 00	Laħam taż-żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, frisk, mkessaħ jew iffriżat	S
		0206 80 91	Ġewwieni li jittiekel ta’ żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, frisk jew imkessaħ, minbarra għall-manifattura ta’ prodotti farmaċewtiċi	S
		0206 90 91	Ġewwieni li jittiekel ta’ żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, iffriżat, minbarra għall-manifattura ta’ prodotti farmaċewtiċi	S
		0207 14 91	Fwied, iffriżat, ta’ tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	S
		0207 27 91	Fwied, iffriżat, tad-dundjani	S
		0207 36 45 95 0207 55 95 0207 60 91	Fwied, iffriżat, tal-papri, wiżż jew tjur tal-ginea, minbarra fwied xaħmi tal-papri jew wiżż	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		0208 90 70	Saqajn taż-żringijiet	NS
		0210 99 10	Laħam taż-żwiemel, immellaħ, f'ilma mielaħ jew imnixxef	S
		0210 99 59	Ġewwieni ta' annimali tal-ifrat, mmellaħ, f'ilma mielaħ, mnixxef jew affumikat, minbarra falda ħoxna u falda rqiqa	S
		ex 0210 99 85	Ġewwieni tan-nagħaġ jew mogħoż, mmellaħ, f'ilma mielaħ, mnixxef jew affumikat	S
		0210 99 85	Ġewwieni ta' annimali, mmellaħ, f'ilma mielaħ, mnixxef jew affumikat, minbarra fwied ta' tjur, minbarra ta' ħnieżer domestiċi, annimali tal-ifrat jew nagħaġ jew mogħoż	S
	04	0403 10 51	Jogurt, mħawwar jew miżjud bil-frott, ġewż jew kawkaw	S
		0403 10 53		
		0403 10 59		
		0403 10 91		
		0403 10 93		
		0403 10 99		
		0403 90 71	Xorrox tal-butir, baqta u krema, kephir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċiduż, mħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	S
		0403 90 73		
		0403 90 79		
		0403 90 91		
		0403 90 93		
		0403 90 99		
		0405 20 10	Prodotti li jindilku (spreads), b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda li ma jaqbiżx 75 %	S
		0405 20 30		
		0407 19 90 0407 29 90 0407 29 90	Bajd tal-għasafar, fil-qoxra, frisk, preservat jew imsajjar, minbarra ta' tjur	S
		0410 00 00	Prodotti tajbin għall-ikel li ġejjin mill-annimali, mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	S
	05	0511 99 39	Sponoż naturali ġejjin minn annimali, minbarra dawk mhux ipproċessati	S
S-1b	03	ex Kapitolu 3	Ħut u krustaċeji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 0301 10 90	S
		0301 19 00	Ħut tal-ilma mielaħ, ħaj, ornamentali	NS

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
S-2a	06	ex Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 0603 12 00 u 0604 20 40	S
		0603 12 00	Qronfol u żahar maqtugħ frisk, tat-tip tajjeb għal bukketti jew għal skopijiet ornamentali	NS
		0604 20 40	Friegħi tal-koniferi, friski	NS
S-2b	07	0701	Patata, friska jew imkessħa	S
		0703 10	Basal u shallots, friski jew imkessħin	S
		0703 90 00	Kurrat u veġetali oħrajn tal-ġens tat-tewm, friski jew imkessħin	S
		0704	Kaboċċi, pastard, ġdur, kale u brassicas, li jittieklu, friski jew imkessħin	S
		0705	Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium spp.*), friski jew imkessħin	S
		0706	Karrotti, turnips (xorta ta' Brassica), pitravi għall-insalata, sassefrika, celeriac (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin	S
		ex 0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ, mis-16 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	S
		0708	Veġetali leguminużi, mqaxxrin jew bil-qoxra, friski jew imkessħin	S
		0709 20 00	Asparagu, frisk jew imkessaħ	S
		0709 30 00	Brunġiel (eggplants), frisk jew imkessaħ	S
		0709 40 00	Krafes ħlief celeriac, friski jew imkessħin	S
		0709 51 00 ex 0709 59	Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ, eskluż l-prodotti tas-subintestatura 0709 59 50	S
		0709 60 10	Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ	S
		0709 60 99	Frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*, frisk jew imkessaħ, ħlief bżar ħelu, minbarra għall-manifattura ta' capsicin jew ta' żebgħa minn oleoraża u minbarra l-manifattura industrijali ta' żjut essenzjali jew reżinojdi	S
		0709 70 00	Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi tal-ġonna (orache), friska jew imkessħa	S
		ex 0709 91 00	Qaqoċċ, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru	S
		0709 92 10*	Żebbuġ, frisk jew imkessaħ, għal użi ħlief għall-produzzjoni taż-żejt	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		0709 93 10	Zukkini, friski jew imkessħa	S
		0709 93 90 0709 99 90	Ħxejjex oħra, friski jew imkessħa	S
		0709 99 10	Veġetali għall-insalata, friski jew imkessħin, ħlief ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.)	S
		0709 99 20	Xorta ta' pitravi (jew xitla tal-pitravi bajda) u karduni, friski jew imkessħin	S
		0709 99 40	Kappar, frisk jew imkessaħ	S
		0709 99 50	Busbież, frisk jew imkessaħ	S
		ex 0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), friżati, ħlief għall-prodott tas-subintestatura 0710 80 85	S
		ex 0711	Veġetali preservati provviżorjament (pereżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlit ieħor biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, esklużi l-prodotti tas-subintestatura 0711 20 90	S
		ex 0712	Veġetali mnixxfin, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux preparati aktar minn hekk, esklużi ż-żebbuġ u l-prodotti tas-subintestatura 0712 90 19	S
		0713	Veġetali leguminużi mnixxfin, imqaxxrin, kemm jekk mingħajr qoxra ta' ġewwa jew maqsumin kif ukoll jekk le	S
		0714 20 10*	Patata ħelwa, friska, sħiħa, maħsuba għal konsum uman	NS
		0714 20 90	Patata ħelwa, friska, mkessħa, friżata jew imnixxfa, kemm jekk flieli jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, minbarra friska u sħiħa u maħsuba għal konsum uman	S
		0714 90 90	Artiċokks u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' inulina, friski, mkessħin, friżati jew imnixxfin, kemm jekk flieli jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le; sago pith	NS
	08	0802 11 90	Lewż, frisk jew imnixxef, imqaxxar jew imfesdaq jew le, minbarra morr	S
		0802 12 90		
		0802 21 00	Ġellewż (*Corylus* spp.), frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	S
		0802 22 00		
		0802 31 00	Ġewż, frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	S
		0802 32 00		

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		0802 40 00	Qastan (*Castanea* spp.), frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	S
		0802 50 00	Pistaċċi, friski jew imnixxfin, kemm jekk imqaxxrin jew fil-qoxra	NS
		0802 60 00	Ġewż tal-Macadamia, frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	NS
		0802 90 50	Ġewż tal-arżnu, frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	NS
		0802 90 85	Ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra	NS
		0803 10 10	Pjantaġġini, friski	S
		0803 10 90 0803 90 90	Banana, inklużi pjantaġġini, mnixxfin	S
		0804 10 00	Tamal, frisk jew imnixxef	S
		0804 20 10	Tin, frisk jew imnixxef	S
		0804 20 90		
		0804 30 00	Ananas, friski jew imnixxfin	S
		0804 40 00	Avokado, frisk jew imnixxef	S
		ex 0805 20	Mandolina (inklużi tangerines u satsumas), u klementina, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew imnixxfin, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru	S
		0805 40 00	Grejpfrut, inklużi pomelos, friski jew imnixxfin	NS
		0805 50 90	Lumi (*Citrus aurantifolia, Citrus latifolia*), frisk jew imnixxef	S
		0805 90 00	Frott ieħor taċ-ċitru, frisk jew imnixxef	S
		ex 0806 10 10	Għeneb tal-mejda, frisk, mill-1 ta' Jannar sal-20 ta' Lulju u mill-21 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru, eskluż għeneb tal-varjetà "Emperor" (*Vitis vinifera* cv.) mill-1 sal-31 ta' Diċembru	S
		0806 10 90	Għeneb ieħor, frisk	S
		ex 0806 20	Għeneb imnixxef, eskluži prodotti tas-subintestatura ex 0806 20 30 immedjatament f'kontenituri ta' kapaċità netta ta' aktar minn 2 kg	S
		0807 11 00	Bettieħ (inkluż dulliegħ), frisk	S
		0807 19 00		
		0808 10 10	Tuffieħ tas-sidru, frisk, bil-kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru	S
		0808 30 10	Langas tal-Perry, frisk, bil-kwantità, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		ex 0808 30 90	Lanġas ieħor, frisk, mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju	S
		0808 40 00	Sfarġel, frisk	S
		ex 0809 10 00	Berquq, frisk, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S
		0809 21 00	Ċirasa qarsa (*Prunus cerasus*), friska	S
		ex 0809 29	Ċirasa, friska, mill-1 ta' Jannar sal-20 ta' Mejju u mill-11 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru, minbarra ċirasa qarsa (Prunus cerasus)	S
		ex 0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, friski, mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' Ġunju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru	S
		ex 0809 40 05	Għanbaqar, frisk, mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' Ġunju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 Diċembru	S
		0809 40 90	Pruna selvaġġa (sloes), friska	S
		ex 0810 10 00	Frawli, frisk, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru	S
		0810 20	Lampun, tut, ċawsli u loganberries, friski	S
		0810 30 00	Passolina sewda, bajda u ħamra u ribes (gooseberries)	S
		0810 40 30	Frott tal-ispeċi *Vaccinium myrtillus*, frisk	S
		0810 40 50	Frott tal-ispeċi *Vaccinium macrocarpon* u *Vaccinium corymbosum*, frisk	S
		0810 40 90	Frott ieħor tal-ġens *Vaccinium*, frisk	S
		0810 50 00	Ribes Ċiniż (kiwifruit), frisk	S
		0810 60 00	Durians, friski	S
		0810 70 00	Kaki	S
		0810 90 75	Frott ieħor, frisk	
		ex 0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, friżati, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew mingħajrha, ħlief għal prodotti tas-subintestaturi 0811 10 u 0811 20	S
		ex 0812	Frott u ġewż, preservati provviżorjament (pereżempju, bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlit ieħor biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 0812 90 30	S
		0812 90 30	Papaw (papaja)	NS
		0813 10 00	Berquq, mnixxef	S
		0813 20 00	Pruna	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		0813 30 00	Tuffieħ, mnixxef	S
		0813 40 10	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, mnixxef	S
		0813 40 30	Langas, mnixxef	S
		0813 40 50	Papaw (papaja), mnixxef	NS
		0813 40 95	Frott ieħor, mnixxef, minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806	NS
		0813 50 12	Taħlit ta' frott imnixxef (minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806) ta' papaw (papaja), tamarind, frott tal-anakardju, liċċi (litchi), frott tas-siġra tal-ħobż (jack-fruit), frott tas-sapodilja, frott tal-passjoni, karambola u pitaħaja, iżda mingħajr pruna	S
		0813 50 15	Taħlit ieħor ta' frott imnixxef (minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806), mingħajr pruna	S
		0813 50 19	Taħlit ta' frott imnixxef (minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806), bil-pruna	S
		0813 50 31	Taħlitiet esklużivament ta' ġewż tropikali tal-intestaturi 0801 u 0802	S
		0813 50 39	Taħlitiet esklużivament ta' ġewż tal-intestaturi 0801 u 0802, minbarra ta' ġewż tropikali	S
		0813 50 91	Taħlit ieħor ta' ġewż u frott imnixxef tal-Kapitolu 8, li ma fihx pruna jew tin	S
		0813 50 99	Taħlit ieħor ta' ġewż u frott imnixxef tal-Kapitolu 8	S
		0814 00 00	Qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ (inkluż dulliegħ), friska, friżata, imnixxfa jew provviżorjament preservata fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn preservattivi	NS
S-2c	09	ex Kapitolu 9	Kafè, te, maté u ħwawar, ħlief il-prodotti tas-subintestaturi 0901 12 00, 0901 21 00, 0901 22 00, 0901 90 90 u 0904 21 10, intestaturi 0905 00 00 u 0907 00 00, u subintestaturi 0910 91 90, 0910 99 33, 0910 99 39, 0910 99 50 u 0910 99 99	NS
		0901 12 00	Kafè, mhux inkaljat, bil-kafeina mneħħija	S
		0901 21 00	Kafè, inkaljat, mingħajr ma titneħħielu l-kaffeina	S
		0901 22 00	Kafè, inkaljat, bil-kafeina mneħħija	S
		0901 90 90	Sostituti tal-kafè li fihom kafè f'kull proporzjon	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		0904 20 10	Bżar ħelu, mnixxef, la mfarrak u lanqas midħun	S
		0905	Vanilla	S
		0907	Msiemer tal-qronfol (frott sħiħ, msiemer u zkuk)	S
		0910 91 90	Taħlitiet ta' żewġ prodotti jew aktar taħt intestaturi differenti tal-intestaturi 0904 sa 0910, mfarrkin jew mitħunin	S
		0910 99 33	Sagħtar; weraq tar-rand	S
		0910 99 39		
		0910 99 50		
		0910 99 99	Ħwawar oħra, mfarrkin jew mitħunin, minbarra taħlitiet ta' żewġ prodotti jew aktar taħt intestaturi differenti tal-intestaturi 0904 sa 0910	S
S-2d	10	1008 50 00	Quinoa (*Chenopodium quinoa*)	S
	11	1104 29 18	Qmuħ ta' ċereali bil-qoxra eskluż ix-xgħir, il-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-qamħ.	S
		1105	Dqiq, pasta, trab, bċejjeċ irqaq, ħbub u gerbub tal-patata	S
		1106 10 00	Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi mnixxfin tal-intestatura 0713	S
		1106 30	Dqiq, pasta u trab tal-prodotti tal-Kapitolu 8	S
		1108 20 00	Inulina	S
	12	ex Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott, ħlief għal prodotti tas-subintestaturi 1209 21 00, 1209 23 80, 1209 29 50, 1209 29 80, 1209 30 00, 1209 91 80 u 1209 99 91; pjanti industrijali jew mediċinali, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 1211 90 30, u eskluż prodotti tal-intestatura 1210 u tas-subintestaturi 1212 91 u 1212 93 00;	S
		1209 21 00	Żerriegħa tax-xnien (alfalfa), tax-xorta użata għaż-żrigħ	NS
		1209 23 80	Żerriegħa oħra taż-żwien, tax-xorta użata għaż-żrigħ	NS
		1209 29 50	Żerriegħa tal-lupina, tax-xorta użata għaż-żrigħ	NS
		1209 29 80	Żrieragħ ta' pjanti oħra għall-għalf, tax-xorta użati għaż-żrigħ	NS
		1209 30 00	Żrieragħ ta' pjanti erbaċej kultivati priċipalment għall-fjuri tagħhom, tax-xorta użati għaż-żrigħ	NS
		1209 91 80	Żrieragħ ta' veġetali oħra, tax-xorta użati għaż-żrigħ	NS

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		1209 99 91	Żrieragħ ta' pjanti kultivati prinċipalment għall-fjuri tagħhom, tax-xorta użati għaż-żrigħ, minbarra dawk tas-subintestatura 1209 30 00	NS
		1211 90 30	Ful tonquin, frisk jew imnixxef, maqtugħ jew le, misħuq jew trab	NS
	13	ex Kapitolu 13	Gommalakka; gomom naturali, rażi u linef u estratti veġetali oħrajn, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 1302 12 00	S
		1302 12 00	Linef u estratti veġetali, ta' għud is-sus	NS
S-3	15	1501 90 00	Grass tat-tjur, minbarra dak tal-intestaturi 0209 jew 1503	S
		1502 10 90 1502 90 90	Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk tal-intestatura 1503 u minbarra għal użu industrijali ħlief għall-manifattura ta' prodotti tal-ikel għal konsum uman	S
		1503 00 19	Stearina tax-xaħam u oleostearina, minbarra għal użu industrijali	S
		1503 00 90	Żejt tax-xaħam, oleostearina u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew preparati mod ieħor, minbarra żejt tax-xaħam tad-dam għal użu industrijali minbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għal konsum uman	S
		1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament	S
		1505 00 10	Xaħam tas-suf, mhux raffinat	S
		1507	Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament	S
		1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament	S
		1511 10 90	Żejt tal-palma, mhux raffinat, minbarra għal użu tekniku jew industrijali minbarra għall-manifattura ta' prodotti tal-ikel għal konsum uman	S
		1511 90	Żejt tal-palma u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le iżda mhux modifikat kimikament, minbarra żejt mhux raffinat	S
		1512	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, tal-għosfor jew taż-żerriegħa tal-Qoton (Tajjar) u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament	S
		1513	Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palma jew żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament	S
		1514	Żejt tal-lift, kolza jew mustarda u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		1515	Xaħmijiet u żjut oħrajn fissi ta' veġetali (inkluż żejt tal-ġoġoba) u frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament	S
		ex 1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar, ħlief għal prodotti tas-subintestatura 1516 20 10	S
		1516 20 10	Żejt ir-riġnu idroġenat, imsejjaħ "xema' opali"	NS
		1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitolu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tas-subintestatura 1516	S
		1518 00	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidrati, sulfurizzati, minfuħin, polimerizzati bis-sħana ġewwa vakuum jew ġewwa gass inerti jew modifikati kimikament mod ieħor, ħlief dawk tal-intestatura 1516; taħlitiet u preparazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali mhumiex tajbin għall-ikel jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-kapitolu, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	S
		1521 90 99	Xema' tan-naħal u xemgħat ta' insetti oħrajn, kemm jekk raffinati jew kuluriti jew le, minbarra dawk mhux ipproċessati	S
		1522 00 10	Degras	S
		1522 00 91	Tartru u residwi taż-żejt; sapun sempliċi (soap-stock), minbarra dawk li jkun fihom żejt bil-karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġa	S
S-4a	16	1601 00 10	Zalzett u prodotti simili ta' fwied, u preparazzjonijiet tal-ikel bażati fuq fwied	S
		1602 20 10	Fwied tal-wiżża jew tal-papra, preparat jew preservat	S
		1602 41 90	Perżut u qatgħat tiegħu, preparati jew preservati, tal-majjal minbarra ta' majjal domestiku	S
		1602 42 90	Spallejn u qatgħat tagħhom, preparati jew preservati, tal-majjal minbarra ta' majjal domestiku	S
		1602 49 90	Laħam jew ġewwieni ieħor tal-laħam ta' annimali preparat u preservat, inklużi taħlitiet, tal-majjal minbarra ta' majjal domestiku	S
		1602 90 31	Laħam jew ġewwieni ieħor tal-laħam ta' annimali preparat u preservat, ta' kaċċa jew fniek	S

▼B

Taqsima	Kapitolu	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Sensittivi/Mhux sensittivi
		1602 90 69	Laħam jew ġewwieni ieħor tal-laħam ta' annimali preparat u preservat, tan-nagħaġ jew tal-mogħoż jew ta' annimali oħra, li ma jkunx fih laħam jew ġewwieni mhux imsajrin ta' annimali tal-ifrat u ma jkunx fih laħam jew ġewwieni tal-laħam ta' majjal domestiku	S
		1602 90 91		
		1602 90 95		
		1602 90 99		
▼C1		———————		
▼B		1603 00 10	Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċeji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra, f'pakki diretti ta' kontenut ta' 1 kg jew inqas	S
		1604	Ħut preparat u preservat; kavjar jew sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut	S
		1605	Krustaċeji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati	S
	S-4b	17	1702 50 00	Fruktows kimikament pur	S
			1702 90 10	Maltożju kimikament pur	S
			1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	S
		18	Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	S
		19	ex Kapitolu 19	Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina, ħlief għal prodotti tas-subintestaturi 1901 20 00 u 1901 90 91	S
			1901 20 00	Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara tal-intestatura 1905	NS
